# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar it-Tlieta, 10 ta' Ottubru, 2023.**

**Numru 15**

**Rikors numru 968/19/1 MH**

**Ian Pace**

**v.**

**Alexander Valenzia**

**u Ingrid Valenzia**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tal-attur Ian Pace tal-10 ta' Ottubru, 2019, li permezz tiegħu ntalab:

> "(1) Illi permezz ta' skrittura tat-12 ta' Ottubru 1995 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok A, l-intimati ikkostitwew ruhhom bhala debituri ta' Joseph u Stephanie konjugi Pace ghas-somma ta' Lm 20,000 ekwivalenti ghal €46,587.47 u dan oltre l-

imghax ta' 5% ghall-ewwel 5 snin u l-imghax legali bir-rata ta' 8% ghas-snin ta' wara sad-data tal-pagament.

(2) Illi permezz ta' ftehim tat-18 ta' Lulju 2019 li kopja tieghu qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok B, il-kredituri ta' l-intimati assenjaw il-Kreditu in kwistjoni lill-esponenti.

(3) Illi permezz ta' ittra ufficjali numru 2846/2019 tat-30 ta' Lulju 2019, li kopja taghha qeghda tigi hawn annessa u mmarkata Dok C, l-esponenti informa ai termini ta' l-Artikolu 1471 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta bl-assenjazzjoni in kwistjoni.

(4) Illi permezz ta' l-istess ittra ufficjali l-esponenti interpella lill-intimati sabiex ihallsuh il-kreditu lilu dovut imma minkejja dan huma xorta wahda baqghu inadempjenti.

(5) Illi dan id-debitu huwa cert, likwidu u dovut.

(6) Illi l-intimati weghdu diversi drabi l-hlas lura imma xorta wahda baqghu inadempjenti.

(7) Illi l-intimati m'ghandhom l-ebda eccezzjonijiet validi fil-ligi u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ghandha tiddisponi mil-kawza bid-dispensa tas-smiegh ai termini ta' l-Artikolu 167 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

(8) Illi r-rikorrenti jaf b'dawn il-fatti personalment u ghalhekk qieghed jikkonfermahom bil-gurament tieghu.

Ghaldaqstant jghid l-intimat prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja u opportuna u ghar-ragunijiet premessi u kif dispensat mis-smigh tal-kawza a tenur tal-Art 167/170 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex;

1. Tipprocedi ghas-sentenza skond it-talba tar-rikorrent nomine bid-dispensa tas-smiegh tar-rikors ai termini tal-Artikoli 167 tal-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta.

2. Tiddikkjara illi l-intimati huma debitrici tar-rikorrenti nomine ghas-somma ta' €46,587.47 oltre l-imghax bir-rata ta' 5% sal-11 ta' Ottubru 2000 u bl-imghax bir-rata ta' 8% mit-12 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

3. Tikkundanna lill-intimati jhallsu lill-esponenti s-somma ta' €46,587.47 oltre l-imghax bir-rata ta' 5% sal-11 ta' Ottubru 2000 u bl-imghax bir-rata ta' 8% mit-12 ta' Ottubru 2000 sad-data tal-pagament effettiv.

> Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali numru 2846/2019 tat-30 ta' Lulju 2019 u bl-ingunzjoni ta' l-intimata ghas-subizzjoni u b'riserva ghal kull azzjoni ohra spettanti lill-atturi li talvolta jista jkunu dovuti."

2. Rat in-nota ta' ammissjoni tal-konvenuta Ingrid Valenzia tat-3 ta' Marzu, 2020, li permezz tagħha ammettiet it-talbiet tal-attur f'din il-kawża.

3. Rat in-nota tal-konvenut Alexander Valenzia tat-3 ta' Marzu, 2020, sabiex skont l-Artikolu 170 (1) tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta, oppona l-pretensjonijiet tal-attur permezz tal-proċeduri odjerni.

4. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut Alexander Valenzia tal-15 ta' Mejju, 2020, permezz ta' liema, apparti eċċezzjonijiet fil-mertu, ressaq l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni tal-azzjoni skont l-Artikolu 2156 (e) tal-Kodiċi Ċivili (Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta).

5. Rat is-sentenza tal-Ewwel Qorti tal-11 ta' Novembru, 2022, fil-kawża fl-ismijiet premessi, dwar l-eċċezzjoni preliminari tal-preskrizzjoni, fejn dik il-Qorti laqgħet l-istess eċċezzjoni tal-konvenut Alexander Valenzia u konsegwentement ċaħdet it-talbiet tal-attur, bl-ispejjeż kontra tiegħu.

6. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

"Permezz tal-kawża odjerna l-attur qed jitlob lill-Qorti tiddikjara li l-intimati huma debituri tiegħu u tordnalhom iħallsuh is-somma ta' €46,587.47 flimkien mal-imgħax ta' 5% sal-11 t'Ottubru 2020 u bl-imgħax ta' 8% mit-12 t'Ottubru 2020 sad-data tal-pagament effettiv. Dan bis-saħħa ta' ftehim ta' self datat 12 t'Ottubru 1995 liema kreditu ġie sussegwentement assenjat lill-istess attur.

Minn naħa tiegħu, l-intimat Alexander Valenzia rribatta l-pretensjonijiet tal-attur bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt.

A. PROVI

Mill-atti tal-każ jirriżulta li –

1. Permezz ta' skrittura datata 12 t'Ottubru 1995[1] il-konvenuti Alexander Valenzia u Ingrid Valenzia ikkostitwew ruħhom debituri ta' Joseph u Stephanie konjuġi Pace għas-somma ta' Lm20,000 u ċioe' €46,587.47. Dan is-self kellu jiġi mħallas lura fi żmien ħames snin minn dakinhar jew fl-istess ħin li jiġi finalizzat/iffirmat il-kuntratt ta' bejgħ tal-fond tal-konvenuti sitwat f'61/1, St. Anthony Street, San Pawl il-Baħar, liema minnhom jiġi l-ewwel. Dan bil-ħlas tal-interessi ta' 5% fis-sena dekorribbli mid-data tal-iskrittura msemmija;

2. Permezz ta' skrittura datata 18 ta' Lulju 2019[2] Stephanie Pace, Ingrid Valenzia, Stephen Pace, Elisabeth Pace u Lara Pace assenjaw il-kreditu in kwistjoni lill-attur;

3. Ai termini tal-artikolu 1471 tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta, l-attur innotifika lid-debituri Valenzia biċ-ċessjoni tal-kreditu a favur tiegħu billi ntavola ittra uffiċjali datata 30 ta' Lulju 2019 li ġiet notifikata lil Alexander Valenzia fit-2 t'Awwissu 2019 u lil Ingrid Valenzia fit-3 t'Awwissu 2019. Permezz ta' din l-ittra l-attur interpellahom ukoll sabiex fi żmien jumejn min-notifika iħallsuh is-somma ta' €128,332.52 in kwanti għal €46,587.47 kapital, €11,646.86 imgħax bil-5% sat-12 t'Ottubru 2000 u €70,000 imgħax legali sa dakinhar b'riżerva ta' imgħax ulterjuri fin-nuqqas ta' pagament;

4. In sostenn tal-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni minnu sollevata, l-konvenut jinsisti[3] li sa qabel ma nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni bejnu u bejn il-konvenuta l-oħra fl-ismijiet Ingrid Valenzia pro et noe vs Alexander Valenzia (Rik 104/09) huwa dejjem kien infurmat minn Ingrid Valenzia li l-ġenituri tagħha kienu ħafrulhom kwalunkwe dejn favur tagħhom lit-tfal kollha tagħhom. Xehed ukoll li huwa qatt ma rċieva rikjesta verbali jew bil-miktub li għandu jħallas jew jagħti xi

[1] Fol 4
[2] Fol 5 et seq
[3] Affidavit a fol 30 u xhieda a fol 81 et seq

flus lil Joseph u Stephanie Pace. L-unika darba li rċieva dwar l-iskrittura tat-12 t'Ottubru 1995 kien biss mingħand Ian Pace permezz tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2019;

5. Fil-proċeduri ta' separazzjoni msemmija, permezz ta' sentenza datata 4 t'April 2019[4], il-Qorti Ċivili (Sezzjoni tal-Familja) kienet ikkonkludiet li mir-rikavat tad-dar matrimonjali u ta' mobbli oħra msemmija fis-sentenza, kellhom jiġu sodisfatti d-djun elenkati u formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti fosthom id-dejn magħmul fl-iskrittura tat-12 t'Ottubru 1995 mertu tal-kawża odjerna;

6. Madankollu b'sentenza datata 8 t'Ottubru 2020[5] il-Qorti tal-Appell irrevokat din il-parti tas-sentenza u ddeċidiet minflok li għalkemm l-estinzjoni tad-dejn ma ġietx pruvata waqt dik il-kawża, l-konvenut Alexander Valenzia kien qed isostni li l-jedd tal-azzjoni tal-ġenituri tal-attriċi huwa preskritt. Il-Qorti kompliet tgħid li materja bħal din ma setgħetx tiġi deċiża f'dak il-forum ġjaladarba l-ġenituri ta' Ingrid Valenzia ma kinux parti mill-kawża. Għaldaqstant il-Qorti ma kellhiex tordna li r-rikavat tal-bejgħ tad-dar għandu jitħallas l-ammont li l-ġenituri tal-attriċi kienu sellfuhom. Dik hi materja li kellha tibqa' mpreġudikata bejn il-partijiet u l-ġenituri tal-attriċi;

7. Minn naħa tiegħu l-attur Ian Pace irribatta fix-xhieda tiegħu[6] li mhux veru li l-ġenituri tiegħu kienu ħafru lill-konvenuti d-dejn jew parti minnu. Huwa xehed ukoll li mid-dejn mertu tal-kawza odjerna għadu sal-lum ma tħallas xejn. li bħala familja stennew l-eżitu tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Familja qabel ma ntavolaw il-proċeduri.

B. EĊĊEZZJONI DWAR IL-PRESKRIZZJONI

L-ewwel eċċezzjoni tal-intimat Alexander Valenzia tgħid hekk –

> *"Illi preliminarjament l-azzjoni odjerna hija kolpita bil-preskrizzjoni ai termini tal-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta u dan stante li d-dokument li fuqu hija msejsa t-talba odjerna jirrisali għat-12 ta' Ottubru 1995;"*

L-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16 jipprovdi hekk –

> "*2156. L-azzjonijiet hawn taħt imsemmija jaqgħu bi preskrizzjoni bl-egħluq ta' ħames snin:*
>
> *(....)*
>
> *(e) l-azzjonijiet għar-radd ta' flus mogħtija b'self, jekk is-self ma jirriżultax minn att pubbliku;"*

[4] Fol 31 et seq
[5] Fol 61 et seq 10
[6] Fol 87 et seq

Huwa paċifiku li fil-każ odjern is-self in kwistjoni ma sarx permezz ta' att pubbliku iżda permezz ta' skrittura privata. Kwindi l-fattispeċje tal-każ odjern jinkwadraw f'din id-dispożizzjoni.

Dwar il-mument li fih l-azzjoni odjerna setgħet tiskatta din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk fil-kaz Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd deċiż fit-28 t'April 2016[7] -

*L-Artikolu 2137 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta jipprovdi hekk:*

> *"Bla hsara ta' dispozizzjonijiet ohra tal-ligi, il-preskrizzjoni ta' azzjoni tibda minn dak inhar li din l-azzjoni tista' tiġi eżerċitata; mingħajr ma jittieħed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss, u dan b'applikazzjoni tal-prinċipju li ż-żmien preskrittiv jgħaddi biss minn dakinhar li jkun tnissel id-dritt jew setgħet tinbeda l-azzjoni. Dan il-prinċipju huwa mibni fuq il-massima li "actio non natae non praescribititur"[8] (Ara wkoll f'dan is-sens is-sentenza fl-ismijiet Albert Mizzi noe vs Anthony Cauchi et deċiża mill-Qorti tal-Appell fit-23 ta' Settembru 2009.)*
>
> *Illi inoltre l-inerzja ma timpedix d-dekors tal-perjodu preskrittiv ai fini tad-determinazzjoni tal-preskrizzjoni purche` din l-inerzja mhix dovuta għall-impossibilita` li jaġixxi. Il-kliem testwali tal-artikolu fuq ċitat fis-sens li t-terminu estentiv jibda jiddekorri "minn dakinhar li l-azzjoni tista' titmexxa" jirreferu għall-kawżi ġuridiċi li jistgħu ikunu ta' xkiel għall-azzjoni u mhux għal kawżi purament fattwali, per eżempju, għal xi diffikolta` fattwali li seta' jirriskontra t-titular tad-dritt soġġettiv diment li dawn ma jqegħduhx fl-impossibilita` li jaġixxi."*

Jirriżulta mill-istess skrittura tat-12 t'Ottubru 1995, kif ingħad, li l-ħlas lura tas-self in kwistjoni kellu jseħħ jew fi żmien ħames snin minn dik id-data jew meta jiġi finalizzat/iffirmat il-kuntratt ta' bejgħ tal-fond tal-konvenuti f'San Pawl il-Baħar "*whichever eventuality is the earlier*[9]". Kwindi skont il-ftehim il-perjodu massimu li fih kellu jsir il-ħlas lura tas-somma mislufa ta' Lm20,000 kien it-12 t'Ottubru 2000.

Mhuwhiex kontestat li dan l-ammont sal-lum ma tħallasx lura.

Jirriżulta wkoll li l-unika nterpellazzjoni uffiċjali li saret għall-ħlas lura ta' dan is-self kien permezz tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju 2019 u għalhekk altru milli skadew il-ħames snin għall-preskrizzjoni skont l-artikolu 2156 (e) tal-Kap 16.

Għal kull buon fini u għall-istess raġuni, anke l-proċeduri ta' separazzjoni minn mal-konvenuta Ingrid Valenzia li ġew intavolati fl-1

---

[7] Rik Gur 1051/2007

[8] **John Grech vs Ivan Mifsud et** P.A. deciza fl-1 ta' April 2003

[9] Fol 4

t'April 2009 u li kienu jinkludu fihom anke t-talba għall-ħlas ta' dan l-ammont ta' Lm20,000 ma jistgħux b'xi mod jitqiesu li nterrompew il-preskrizzjoni tal-azzjoni.

Madankollu marbuta ma' dan l-artikolu 2156 l-Qorti jeħtiġielha tevalwa dak li jipprovdi l-artikolu 2160 tal-Kap 16 li jipprovdi hekk –

> *"(1) Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148,2149, 2156*[10] *u 2157, m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, ma jagħtux ġurament minn jeddhom waqt il-kawża li mhumiex debituri, jew li ma jiftakrux jekk il-ħaġa ġietx imħallsa.*
>
> *(2) Jekk il-ġurament jingħata mill-werrieta tal-persuna li tagħha l-attur jippretendi li kien kreditur, jew minn oħrajn li l-jeddijiet tagħhom ġejjin mingħand dik il-persuna, il-preskrizzjonijiet fuq imsemmija ma jkollhomx effett jekk huma ma jistqarrux li ma jafux li l-ħaġa għandha tingħata.*
>
> *(3) Fil-proċeduri għall-ġbir ta' debiti li għalihom hemm referenza fil-proviso għall-artikolu 2156, meta parti tagħti ġurament li hija mhijiex debitur, din trid tagħti raġunijiet għaliex qed tqis lilha nnifisha li mhijiex debitur."*

Għal dak li jirrigwarda t-teħid ta' ġurament mid-debitur ai termini ta' dan l-artikolu appena msemmi, ingħad hekk fil-każ Francesco Portelli pro et noe vs Anthony Degiorgio et deċiża fl-24 ta' Ġunju 2021 –

> *".....jingħad li bl-emendi li ġew introdotti bl-Att numru 1 tal-2017 li daħal fis-seħħ fit-tlettax (13) ta' Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fil-kaz odjern din il-Qorti għandha tikkunsidra mhux biss id-dekors tal-ħames snin kif eċċepiet mill-konvenuti pero' f'eċċezzjoni bħal din għandhom ukoll jiġu sodisfatti l-elementi kontenuti fl-artikolu 2160 (1) tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta.*
>
> *F'dan ir-rigward ta' rilevanza hija s-sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell (Inferjuri) fl-ismijiet Bottega Del Marmista Ltd -vsPaul Mifsud et deċiża fis-26 ta' Jannar, 2018 fejn ingħad:*
>
> > *'… Imbagħad fis-seduta tal-25 ta' Jannar, 2017 il-konvenuti xehedu li m'għandhomx jagħtu lis-soċjeta' attriċi (fol. 38 u 39). Pero' dan ma kienx każ fejn il-konvenuti ngħataw il-ġurament deċiżorju iżda fejn huma xehdu minn jeddhom. Għalhekk ma jistgħux jiġu applikati l-prinċipji tal-ġurament deċiżorju. Il-Qorti żżid li bl-Att 1 tal-2017, li daħal fis-seħħ fit-13 ta' Jannar, 2017, saret emenda kardinali fl-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili. Qabel dakinhar id-disposizzjoni kienet tikkontempla l-possibilta' lill-attur li jagħti l-ġurament deċiżorju lill-konvenut:*
> >
> > > *'Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157 m'ghandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jinghata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa'.*

[10] Tipa grassa u sottolinear b'enfasi tal-Qorti

*Bl-emenda li saret bl-Att 1 tal-2017 il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra. Ovvjament, l-konsegwenzi legali li żviluppaw mill-ġurisprudenza dwar il-ġurament deċiżorju li ssemmew mill-ewwel qorti f'paġni 19 u 20 tas-sentenza, kienu japplikaw f'xenarju partikolari ċjoe' meta l-attur jagħti l-ġurament lill-konvenut. Fil-każ in eżami l-konvenuti xehdu minn jeddhom. 'Il fatt li hi l-liġi li timponi fuq il-konvenut li jixhed biex ikun jista' jinvoka l-preskrizzjonijiet qosra, ma jbiddel xejn. Għaldaqstant, illum irrispettivament x'jixhed il-konvenut minn jeddu meta jieħu l-ġurament kontemplat fl-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, l-attur għandu kull dritt li jagħti prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni. Din kienet wara kollox ukoll il-posizzjoni qabel l-emenda tal-artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili meta l-konvenut kien jagħżel li jixhed minn jeddu.'*

*Qabel l-introduzzjoni tal-emendi l-posizzjoni kienet differenti fejn '… Jekk l-attur jagħżel il-mezz tal-ġurament, u l-konvenut ikun ħalef skont il-liġi, l-attur ma jkunx jista' jagħżel mezz ieħor, billi meta l-kreditur jitlob li jingħata lid-debitur il-ġurament, dan ifisser li hu qiegħed jirritjieni bħala ammissibli l-preskrizzjoni eċċepita u li ma kienx hemm sospensjoni jew interruzzjoni tagħha, u li jrid jipprova l-mezz estrem tad-dilazzjoni tal-ġurament. B'dan il-mezz huwa jkun qiegħed jirrimetti ruħu fil-kuxjenza tad-debitur.'*

*Illi għalhekk il-posizzjoni tad-debitur illum inbidlet radikalment stante li issa l-posizzjoni tiegħu fl-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni saret waħda attiva u dan fis-sens li huwa l-konvenut innifsu li minn jeddu u bil-ġurament tiegħu waqt il-kawża għandu jikkonferma li m'huwiex debitur.*

*Fis-sentenza P & S (C-4860) et -vs- Noel Zammit et deċiża mill-Prim Awla tal-Qorti Ċivili nhar is-16 ta' Frar, 2018 ġie eżaminat fil-fond l-effetti tal-emendi fuq l-Artikolu 2160 u hekk ingħad:*

> *'…Li forsi ma fhemx il-Konvenut hu, li l-eċċezzjoni taħt artiklu 2156(f) u (d) tal-Kodiċi Ċivili ma tirnexxix għas-sempliċi raġuni li jkunu għaddew ħames snin. It-terminu imsemmi fir-rigward tal-artikli 2156(d) u (f) tal-Kodiċi Ċivili huwa biss wieħed u mhux l-uniku ingredjent biex tirnexxi din id-difiża. Dak li jiddisponi dan l-artiklu jrid ikun abbinat mal-ingredjent l-ieħor kumulattiv ta' natura proċedurali, li jikkommina l-artiklu 2160 (1) tal-Kodiċi Ċivili.*
>
> *20. Dan l-artiklu jistabilixxi, li min irid jipprevalixxi ruħu mill-benefiċċju ta' preskrizzjoni partikulari ossia brevi, għandu (i) jixhed minn jeddu u (2) jagħti l-ġurament waqt il-Kawża li ma hux debitur. L-anqas ma jista' jgħid li ma jiftakarx li l-ħaġa ġiet imħallsa, għaliex dan ix-xorta ta' ġurament huwa riservat għall-eredi tad-debitur tant li fit-test tal-liġi il-kliem użat huwa "ma jiftakrux" (ara Deċiżjoni fl-ismijiet Vincenzo Cauchi -vs- Giovanni Scerri tal-Qorti tal-Kummerċ, 28 ta' Ottubru 1955).*
>
> *21. Minkejja t-tibdil fil-liġi kif fuq ingħad, dawn iż-żewġ formuli ta' ġurament xorta baqgħu sagramentali, u kull devjazzjoni minnhom ma tiswiex ai fini ta' dawn ix-xorta ta' eċċezzjonijiet. Li tghid li d-dejn huwa preskritt, mingħajr ma tuża t-test li trid il-liġi, ma jiswiex biex tirnexxi din ix-xorta ta' eċċezzjoni. Ma hux*

> *kompitu tal-Konvenut li jasal għall-konklużjonijiet legali. Il-kompitu tiegħu hu li jimxi skont dak li jitlob l-artiklu imsemmi. …'.*"

Ta' interess f'dan ir-rigward id-deċiżjoni li ngħatat minn din il-Qorti diversament presjeduta fl-ismijiet Ballut Blocks Services Limited vs Bonnici Bros. Construction (C-21406) et.[11] fejn ġie trattat il-bdil fundamentali tal-ġurament deċiżorju, kif ġie emendat u kif spiċċat illum id-difiża tal-preskrizzjonijiet indikati.

Fl-isfond ta' dawn il-prinċipji ġurisprudenzjali jiġi sottolineat li sabiex tirnexxi l-eċċezzjoni in eżami kien jispetta lill-konvenut Alexander Valenzia li:

i) jixhed minn jeddu u

ii) jagħti l-ġurament waqt il-kawża li ma hux debitur.

Mill-provi mressqa l-Qorti tqis li dawn ir-rekwiżiti ġew sodisfatti.

Fl-affidavit tiegħu tal-15 ta' Diċembru 2021 il-konvenut Alexander Valenzia minn jeddu u bil-ġurament xehed li huwa mhuwhiex debitur ta' kwalunkwe ammont reklamat fil-kawża. Huwa spjega li sa qabel ma nbdew il-proċeduri ta' separazzjoni minn mal-konvenuta Ingrid Valenzia (fl-1 t'April 2009) huwa kien infurmat li d-dejn li kellhom mal-ġenituri ta' Ingrid Valenzia kien inħafer, l-istess bħalma kien ġara mal-aħwa l-oħra, u fil-fatt qatt ma ġie mitlub iħallas lura tali flejjes la verbalment u lanqas bil-miktub.

Pero' u kif ingħad fis-suespost, dan kollu ma jnaqqas xejn mid-dritt tal-attur li jressaq prova li kien hemm interruzzjoni jew rinunzja għall-preskrizzjoni.

Fis-suespost diġa' ntwera li ma kienx hemm interruzzjoni tal-preskrizzjoni.

Għal dik li hija rinunzja tal-preskrizzjoni jingħad fil-ġurisprudenza[12]li –

> *"Ġuridikament, il-Qrati tagħna dejjem sostnew lir-rinunzja għall-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tavvera ruħha fejn "ikun ċar u konklussiv illi min qajjimha jkun b'att tiegħu u xort'oħra mmanifesta l-intenzjoni tiegħu li jabdika d-dritt tiegħu". (Vol. XXVIII p. 11 p. 333);*
>
> *"Rinunzja espressa għad-dritt hemm bżonn li tirriżulta minn espressjonijiet ċari u univoċi ……..." (Vol. XXXIV p. 11 p. 646); "Rinunzji taċita ta' drittijiet ma jistgħux jiġu desunti ħlief minn ċirkostanzi tali li jippresupponu b'mod ċar u uniku l-abbandun tad-dritt" – "Carmelo Galea vs Dottor Albert Camilleri noe", App. Civ. 18 ta' Marzu 1977."*

[11] 17 ta' Jannar, 2019
[12] Penza Tarmac Ltd vs Zoqdi Hydro Rocks Construction Ltd suċċitata

> Madankollu fil-każ odjern din il-prova tar-rinunzja baqgħet ma tressqitx. Għalkemm l-attur baqa' jinsisti li d-dejn in kwistjoni qatt ma kien maħfur, baqa' qatt ma ta spjegazzjoni kif matul is-snin il-konvenuti baqgħu qatt ma ġew interpellati għall-ħlas nonostante dak li kien jgħid il-ftehim tal-1995. U fuq kollox, ma tressqet ebda prova li turi li matul dawn is-snin il-konvenut Alexander Valenzia kien b'mod irrikonoxxa li għandu jħallas lura s-somma in kwistjoni.
>
> Fiċ-ċirkostanzi l-eċċezzjoni hija ġustifikata."

7. Rat ir-rikors tal-appell tal-attur Ian Pace, li permezz tiegħu talab lil din il-Qorti tirrevoka s-sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Novembru, 2022, u minflok tiddeċiedi l-kawża billi tiċħad it-talbiet (*recte*: l-eċċezzjonijiet) tal-intimat. Bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat.

8. Rat ir-risposta tal-appell ta' Alexander Valenzia, li permezz tagħha talab li t-talbiet tal-appellant jiġu miċħuda, bl-ispejjeż kontra l-istess.

9. Rat li bis-saħħa tal-emendi li daħlu permezz tal-Att XXXII tas-sena 2021, il-Qorti ngħatat is-setgħa sabiex tgħaddi għas-sentenza u dan a tenur tal-Artikolu 152(5) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta) u wara li rat il-proċeduri bil-miktub, ma tqisx meħtieġ li jingħata smigħ u għalhekk ser tgħaddi minnufih għas-sentenza;

10. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti;

Ikkonsidrat:

11. Illi dan il-każ jitratta talba sabiex il-konvenuti jiġu dikjarati debituri tal-attur, fis-somma ta' €46,587.47, apparti l-imgħax bir-rata ta' 5% sal-11 ta' Ottubru, 2000, u bl-imgħax bir-rata ta' 8% mit-12 ta' Ottubru, 2000, sad-data tal-pagament effettiv, kif ukoll li l-istess konvenuti jiġu kkundanati għall-ħlas tas-somma ta' €46,587.47, oltre l-imgħax bir-rata ta' 5% sal-11 ta' Ottubru, 2000, u bl-imgħax bir-rata ta' 8% mit-12 ta' Ottubru, 2000, sad-data tal-pagament effettiv.

12. Filwaqt li l-konvenuta Ingrid Valenzia ammettiet it-talbiet tal-attur, il-konvenut Alexander Valenzia ċaħad il-pretensjonijiet tal-attur, peress li fost affarijiet oħra, ressaq l-eċċezzjoni preliminari li t-talbiet tal-attur huma preskritti skont l-Artikolu 2156(e) tal-Kodiċi Ċivili.

13. L-Ewwel Qorti laqgħet din l-ewwel eċċezzjoni tal-konvenut u għalhekk ċaħdet it-talbiet tal-attur.

14. L-attur ħassu aggravat b'din is-sentenza u għalhekk interpona appell minnha. L-appell tal-attur jissejjes fuq l-aggravju li l-konvenuta Ingrid Valenzia li hija waħda mill-kondebituri, ammettiet it-talbiet attriċi fit-3 ta' Marzu, 2020, fis-sens li d-dejn huwa verament dovut. Jagħmel

referenza għall-Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex isostni li l-aċċettazzjoni tad-dejn minn xi wieħed mid-debituri solidali u kull att li jikser il-preskrizzjoni għal kull wieħed mid-debituri solidali, tikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra. Sabiex jiġi applikat l-Artikolu 1100, jeħtieġ li jkun hemm is-solidarjetà bejn id-debituri u l-Artikolu 1089 jipprovdi li jekk is-solidarjetà ma tkunx dikjarata fil-liġi, din ma tistax tiġi preżunta u jeħtieġ li tkun miftehma espressament. Isostni li dan il-kriterju kien milħuq permezz tal-iskrittura tat-12 ta' Ottubru, 1995, bejn Joseph u Stephanie Pace u Alexander u Ingrid Valenzia, fejn jingħad: *"lenders jointly and severally between them themselves hereby lend to borrowers who* ***jointly and severally between themselves accept and acquire from lenders****...."*. L-appellant jagħmel referenza għall-ġurisprudenza li ssostni l-punt li, il-preskrizzjoni tinkiser hekk kif id-debitur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-parti kienet bdiet miexja, jew f'każ li wara li l-preskrizzjoni tkun kompjuta, ir-rikonoxximent da parti tad-debitur iġib miegħu r-rinunzja tal-istess preskrizzjoni. Għalhekk isostni li ġaladarba l-kondebitriċi ammettiet id-dejn, skont l-Artikolu 1100, il-preskrizzjoni favur l-appellat Alexander Valenzia ġiet miksura wkoll u b'hekk jargumenta li l-azzjoni odjerna mhix preskritta.

15. L-appellat iwieġeb għall-imsemmi appell billi jressaq is-segwenti punti:

a. Il-ħlas mill-kuntratt ta' self tat-12 ta' Ottubru, 1995, kellu jsir sat-12 ta' Ottubru, 2000, iżda madankollu sa dak it-terminu ma kienet saret l-ebda interpellazzjoni min-naħa tal-kredituri għall-ħlas tas-somma mislufa u għalhekk il-ħlas ġie minnu nnifsu estint;

b. Qatt ma kien hemm dejn pendenti, peress li apparti li kien estint, qatt ma reġa' ntalab u saħansitra nħafer mill-ġenituri tal-appellata Ingrid Valenzia;

c. L-appellat qatt ma kien infurmat bl-att ta' assenjazzjoni ta' krediti qabel l-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 2019 u għalhekk la kellu sehem u lanqas poter li jikkontesta l-fatti;

d. Il-proċeduri odjerni kienu qarrieqa għall-aħħar, hekk kif l-appellata l-oħra wara li assenjat mal-eredi l-oħra ta' Joseph Pace, il-kreditu li kien estint, ippruvat taqbdu taħt in-nassa tal-Artikolu 1100 tal-Kap. 16;

*e.* Għalhekk dan id-dejn mhux biss estint bil-mogħdija taż-żmien, iżda estingwa ruħu wkoll *ipso iure* bil-*confusio* l-mument li l-appellata

wirtet id-djun minn missierha Joseph Pace u għalhekk l-assenjazzjoni seħħet b'*mala fede;*

f. L-appellat qatt ma rrikonoxxa dejn da parti tiegħu u kien dejjem konsistenti fix-xhieda tiegħu.

**Konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti**

16. Illi filwaqt li mhux kontestat li bejn meta saret l-iskrittura ta' self fit-12 ta' Ottubru, 1995, bejn il-ġenituri tal-konvenuta u l-istess konvenuti u meta saret l-ewwel ittra uffiċjali datata 30 ta' Lulju, 2019, fil-konfront tal-konvenuti da parti tal-attur (li lilu ġie assenjat il-kreditu fit-18 ta' Lulju, 2019), qatt ma saret xi interpellazzjoni ġudizzjarja lill-konvenuti li biha l-preskrizzjoni ġiet interrotta, ġara iżda li fil-mori tal-proċeduri l-konvenuta ammettiet it-talbiet tal-attur. Mhuwiex kontestat anqas li l-preskrizzjoni applikabbli f'każ ta' self li ma jirriżultax minn att pubbliku, huwa dak ta' ħames snin skont l-Artikolu 2156(e) tal-Kap. 16, li allura kien laħaq għadda sew, qabel ma saret l-ewwel ittra uffiċjali fil-konfront tal-konvenuti. Il-kwistjoni li tqajmet allura mill-attur appellant hija li meta l-konvenuta ammettiet id-dejn, dik l-ammissjoni tikkostitwixxi rinunzja għal preskrizzjoni, liema rinunzja tapplika wkoll għall-konvenut bħala kondebitur, sabiex iġġib fix-xejn il-preskrizzjoni nvokata minnu.

17. Illi għandu jingħad mal-ewwel li, għandu raġun l-attur appellant meta jingħad minnu li għalkemm is-solidarjetà fil-qasam ċivili ma tistax tiġi preżunta, mill-iskrittura privata ta' self tas-sena 1995, (fol.4) jirriżulta aċċertat li l-konvenuti aċċettaw l-istess self "*jointly and severally between themselves".* Apparti minn hekk, meta l-konvenuti daħlu fil-ftehim ta' self fl-1995, huma kienu miżżewġin. Il-liġi tipprovdi li "*kull obbligu li jintrabtu għalih flimkien iż-żewġ miżżewġin*" huwa dejn li jmur fuq il-komunjoni tal-akkwisti (Artikolu 1327(d) tal-Kodiċi Ċivili). Konsegwentement, il-konvenuti huma kondebituri mhux biss peress li daħlu għall-ftehim ta' self *"jointly and severally between themselves",* iżda wkoll peress li s-solidarjetà f'dan il-każ tirriżulta wkoll mil-liġi.

18. Jiġi osservat li meta sar il-ftehim privat ta' self, ma jidhirx li kien hemm problemi bejn il-konvenuti. Iżda ġara li fl-2009, il-konvenuta bdiet proċeduri ta' separazzjoni (li jġibu referenza104/2009) fil-konfront tal-konvenut l-ieħor. Għalkemm permezz tas-sentenza tal-Qorti Ċivili, Sezzjoni tal-Familja tal-4 ta' April, 2019, ġie deċiż li meta tinbiegħ id-dar taż-żwieġ, mir-rikavat għandu jitħallas is-self li l-konjuġi Valenzia kienu ħadu mingħand il-ġenituri ta' Ingrid Valenzia, wara li l-konvenut fl-appell tiegħu ressaq l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni, din il-Qorti, fis-sentenza tagħha tat-8 ta' Ottubru, 2020, iddeċidiet li din il-materja ma kellhiex tiġi

deċiża f'dik il-kawża, ġaladarba l-ġenituri ma kinux parti f'dawk il-proċeduri. Għaldaqstant, l-Qorti ma kellhiex tordna li mir-rikavat tal-bejgħ tad-dar matrimonjali tal-konvenuti għandu jitħallas l-ammont dovut lill-konjuġi Pace. Kwindi d-deċiżjoni ta' din il-Qorti kienet li dik il-materja tibqa' impreġudikata bejn il-partijiet u l-ġenituri tal-konvenuta.

19. Minkejja li l-konvenut isostni li l-ammont misluf lilu u lill-konvenuta kien nħafer mill-ġenituri tal-appellata, ma tressqu l-ebda provi f'dan is-sens, għalkemm jibqa' fatt li lanqas ma tressqet prova ta' interpellazzjoni għall-ħlas tas-self magħmul qabel l-ittra uffiċjali magħmula mill-attur appellant fit-30 ta' Lulju, 2019. Inoltre, fit-18 ta' Lulju, 2019, Stephanie Pace, armla ta' Joseph Pace, kif ukoll Ingrid Valenzia, Stephen Pace, Elizabeth Pace u Lara Pace assenjaw id-drittijiet kollha tagħhom marbuta mal-kuntratt ta' self tat-12 ta' Ottubru, 1995, favur l-attur. Sussegwentement saret in-notifika tal-istess ċessjoni, permezz tal-ittra uffiċjali tat-30 ta' Lulju, 2019, li saret ukoll skont l-Artikolu 1471 tal-Kodiċi Ċivili, sabiex il-konvenuti, bħala d-debituri, ġew notifikati biċ-ċessjoni, apparti li ġew interpellati għall-ħlas.

20. Punt importanti li tqanqal mill-konvenut appellat huwa dak li hekk kif il-kreditur Joseph Pace miet, ġab li l-konvenuta Ingrid Valenzia, saret debitriċi u kreditriċi fl-istess ħin u li dan il-proċess li jissejjaħ *confusio* ġab

fi tmiem id-dejn li kien hemm. Issir referenza għall-Artikolu 1103 tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi li meta wieħed mid-debituri jsir werriet tal-kreditur, il-kreditu *in solidum* bil-konfużjoni, jispiċċa kwantu għas-sehem ta' dak id-debitur, kif ukoll għall-Artikolu 1145(e) li jipprovdi li l-obbligazzjonijiet jispiċċaw, fost affarijiet oħra, bil-konfużjoni. Dan seħħ għaliex meta l-kwalità ta' kreditur u ta' debitur jingħaqdu fl-istess persuna, tiġri *ipso jure* konfużjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu (Artikolu 1205 tal-Kodiċi Ċivili). Il-liġi tkompli tgħid li "*Il-konfużjoni li tiġri fil-persuna ta' wieħed mid-debituri in solidum, ma tiswiex lill-kondebituri l-oħra ħlief għas-sehem li tiegħu hu kien debitur*" (Artikolu 1206(3) tal-Kodiċi Ċivili).

21. Kif ingħad fis-sentenza tat-3 ta' Marzu, 2009, fil-kawża fl-ismijiet **Francesca Rapa et noe v. Mary Bajada:**

> "*Skond l-Artikolu 1145 tal-Kodici Civili, wiehed mill-modi kif jispiccaw l-obbligazzjonijiet hi "bil-konfuzjoni" cjoe' "meta l-kwalita' ta' kreditur u ta' debitur jinghaqdu fl-istess persuna, tigri ipso jure konfuzjoni illi toqtol id-dejn u l-kreditu." (Artikolu 1205). Dan ovvjament ghaliex ma jkunx jaghmel sens li kreditur ihallas lilu nnifsu, u ghalhekk il-pretenzjoni ta' suggett fil-konfront tieghu nnifsu hi essenzjalment inkompatibbli ma' l-ideja guridika ta' obbligazzjoni; "La confusione puo' verificarsi in seguito ad atti tra vivi (per es, nella cessione di un'azienda verso la quale il cessionario aveva delle partite di debito*)***, oppure nella successione ereditaria***[13] ***– ed e' il caso piu' frequente – per tutti i rapporti in cui l'erede fosse debitore o creditore del defunto. Se gli eredi sono piu' d'uno, il debitore coerede e' liberato soltanto fino alla concorrenza della sua quota ereditaria sul credito che era del defunto***.*" (Istituzioni di Diritto Civile, A. Trabucchi*[14]*). Peress li skond l-Artikolu 849 tal-Kodici Civili l-accettazzjoni ta' wirt ghandha effett retroattiv, din il-konfuzjoni ssehh*

[13] "*Ed eccoci alla confusione. La quale puo' verificarsi allorquando o per successione, o per donazione, o per cessione si riunisca nella persona di un debitore in solido la qualita' di creditore." (Teoria delle Obbligazioni nel Diritto Moderno Italiano, Giorgio Giorgi, Vol. I pagna 192).*

[14] *Cedam, Edizzjoni numru 43 (2007), pagna 672.*

*b'effett minn dak iz-zmien. Wiehed forsi jista' jistaqsi kemm f'kaz ta' accettazzjoni ta' wirt bil-beneficcju ta' inventarju l-krediti u d-drittijiet li ghandu l-werriet beneficjarju kontra d-decujus, jintemmu bil-konfuzjoni[15]. Pero' f'dan il-kaz il-konvenuta ma ressqet l-ebda prova li accettat il-wirt ta' missierha bil-beneficcju ta' l-inventarju.*

*Fic-cirkostanzi l-qorti hi tal-fehma li l-argument tal-atturi hu validu, in kwantu "....l'effetto estintivo della confusione e' fondato sul venir meno della struttura del rapporto obbligatorio, quale relazione intercorrente tra un debitore e un creditore;* ***la struttura del rapporto obbligatorio viene meno a seguito di una vicenda successoria che riunisce le posizioni di debito e di credito.****" (Diritto Civile - l'obbligazione, Massimo Bianca[16]). Gialadabra l-konvenuta hi l-unika werrieta ta' missierha u accettat il-wirt minghajr kundizzjoni, ifisser li bil-konfuzjoni spiccat kwalsiasi obbligazzjoni li seta' kellu missierha sabiex ihallasha ghall-ghajnuna li setghet tatu."*

22. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, filwaqt li din il-Qorti tagħraf li l-argument tal-konvenut appellat, jista' jkun wieħed siewi, dan l-argument li d-dejn tal-konvenuti ġie estint jista' jirnexxi biss sa fejn il-konvenuta hija waħda biss mill-eredi ta' Joseph Pace u għalhekk l-argument jista' jiġi applikat biss fir-rigward tas-sehem tagħha mill-eredità ta' missierha Joseph Pace. Dan is-sehem għadu mhux aċċertat, peress li ma jirriżultax mill-provi fl-atti ta' din il-kawża. Għalkemm dan il-punt ta' *confusio* tressaq bħala argument fin-nota ta' sottomissjonijiet tal-konvenut quddiem l-Ewwel Qorti, dan ma kienx trattat, ġaladarba ntlaqgħet l-ewwel eċċezzjoni dwar il-preskrizzjoni. Ikun xieraq li jekk ikun il-każ, dan il-punt jiġi trattat flimkien mal-provi fil-mertu.

---

[15] *F'dan il-kuntest l-awtur F. Laurent spjega li: "La confusione che si opera quando il creditore diviene erede del debitore, o il debitore erede del creditore, suppone che l'erede accetto' puramente e semplicimente la successione. Se accetta con beneficio dell'inventario, non si opera alcuna confusione, piche dice Pothier, uno degli effettidel beneficio d'inventario, e' che l'erede beneficato e la successione si considerano come due persone diverse, e che i loro diritti non si confondano." (Corso Teorico-Pratico di Diritto Civile, Vol. XVIII, §491 pagna 466).*

[16] *Giuffre' Editore (1993) pagna 522*

23. Għalkemm il-proċeduri ta' separazzjoni bejn il-konvenuti, illum il-ġurnata jinsabu finalizzati, inkluż il-likwidazzjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, dan id-dejn tal-komunjoni ma kienx parti mill-proċess tal-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti (ara s-sentenza finali ta' din il-Qorti tat-8 ta' Ottubru, 2020, bejn il-konvenuti li ġġib referenza 104/2009). Madankollu, peress li l-konvenuti daħlu għall-imsemmi self bħala kondebituri b'mod solidali, waqt iż-żwieġ, kull wieħed minnhom iwieġeb għall-intier, peress li kienu parteċipi f'obbligazzjoni għall-istess ħaġa (ara Artikolu 1094 tal-Kodiċi Ċivili).

24. Huwa minnu wkoll li l-Artikolu 1100 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi li:

> *"L-aċċettazzjoni tad-dejn minn wieħed mid-debituri in solidum, u kull att ieħor li jikser il-preskrizzjoni għall-wieħed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll għad-debituri l-oħra u għall-werrieta tagħhom."*

Dan ifisser li kull att li jikser il-preskrizzjoni għal wieħed mid-debituri, jikser il-preskrizzjoni għall-ieħor ukoll (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-23 ta' Novembru, 2020, fil-kawża fl-ismijiet **Alfred Borg v. Francesca Salomone et**). Dan jingħad ukoll peress li filwaqt li l-konvenuta Ingrid Valenzia (oħt l-attur) ammettiet it-talbiet attriċi, f'Marzu 2020, il-konvenut Alexander Valenzia baqa' konsistentement jiċħad it-talbiet attriċi.

25. Dan iwassal għall-punt ieħor imqanqal mill-konvenut appellat. Huwa minnu li huwa rnexxielu jipprova li għadda ż-żmien meħtieġ bejn meta sar il-ftehim ta' self u meta saret l-ewwel interpellazzjoni uffiċjali għall-ħlas, sabiex it-talba tal-attur titqies preskritta, kif ukoll iddikjara permezz tal-affidavit tiegħu li huwa mhux debitur tal-ammont reklamat f'din il-kawża (għall-fini tal-Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili, kif emendat), iżda jibqa' l-fatt li, il-konvenuta l-oħra bħala kondebitriċi ammettiet id-dejn reklamat mill-attur. Skont l-Artikolu 2133 tal-Kodiċi Ċivili: "*Il-preskrizzjoni tinkiser jekk id-debitur jew il-pussessur jagħraf il-jedd tal-parti li kontra tagħha dik il-preskrizzjoni kienet bdiet miexja*" u ċertament ammissjoni tikser il-preskrizzjoni peress li hija ekwivalenti għal rinunzja tal-preskrizzjoni. (Ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Sede Inferjuri) tad-9 ta' Frar, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Austin Psaila v. Lother Slabick).**

26. Kif ingħad fis-sentenza ta' din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet **Joseph Abela v. Francis Cassar et nomine** tal-14 ta' Jannar, 2002:

> *"Mhix korretta s-sottomissjoni illi perjodu preskrittiv li jkun skada ma jistax jigi interrott wara tali skadenza. L-istat tad-dritt hu proprju kontra. Fil-kaz li r-rikonoxximent isir wara li l-preskrizzjoni tkun gja' kompjuta allura dan l-att da parti tad-debitur jgib mieghu rinunzja ghallistess preskrizzjoni u din bhal fil-kaz ta' interruzzzjoni tkun tista' terga' tibda mixja mill-gdid" (Vol. XLVIIII.iii.1428). Gie wkoll ritenut illi "rrinunzja ghall-preskrizzjoni hija aljenazzjoni favur il-kreditur tad-dritt akkwistat mid-debitur" (Gargani vs Sant, deciza minn din il-Qorti fl-14 ta' Novembru 1873). Fl-iskorta ta' dan l-insenjament gie deciz illi f'kaz fejn it-terminu preskrittiv ikun gja' iddekorra wiehed ma setax jitkellem strettament minn interruzzjoni ta' perjodu preskrittiv imma ta' rinunzja ghall-perjodu preskrittiv gja' akkwistat. Fil-konfront tad-debitur l-effetti prattici jkunu tista' tghid l-istess (Vol. XXXVIII.i.544)."*

27. Applikati dawn il-prinċipji għall-każ in eżami, minkejja li l-perjodu preskrittiv kien laħaq għadda, ġaladarba l-konvenuta ammettiet id-dejn permezz tan-nota tagħha tat-3 ta' Marzu, 2020, hija bħala kondebitriċi, rrinunzjat għall-preskrizzjoni. Kif ingħad drabi oħra, ir-rikonoxximent tad-debitu u kull att li jista' jinterrompi l-preskrizzjoni għal kull wieħed mid-debituri solidali jinterrompi l-preskrizzjoni wkoll fil-konfront tad-debituri l-oħra (ara s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-5 ta' Diċembru, 2011, fil-kawża fl-ismijiet **George Debattista et v. Direttur tal-Uffiċċju Konġunt et –** sussegwentement ikkonfermata minn din il-Qorti fl-24 ta' Ġunju, 2016). Għalhekk, ġaladarba l-konvenuta Ingrid Valenzia ammettiet it-talbiet tal-attur, skont l-Artikolu 1100, il-preskrizzjoni favur il-konvenut appellat Alexander Valenzia ġiet miksura wkoll u għalhekk isegwi li l-appellant għandu raġun meta fl-aggravju tiegħu jsostni li l-azzjoni odjerna mhix preskritta.

**Decide**

Għal dawn ir-raġunijiet, din il-Qorti taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi, filwaqt li tilqa' l-appell tal-attur Ian Pace, tħassar is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-11 ta' Novembru, 2022, u minflok tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tal-konvenut Alexander Valenzia.

Bl-ispejjeż kollha marbuta ma' din l-eċċezzjoni jitħallsu mill-istess konvenut.

Tirrinvija l-atti tal-kawża quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili għall-prosegwiment tas-smigħ tal-kawża, sabiex jiġu determinati t-talbiet attriċi fil-mertu, skont il-liġi.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Joseph R. Micallef<br>Imħallef | Tonio Mallia<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
da